*Art. 1045 tal-Kodiċi Ċivili;*
*Lump sum payment wara dewmien;*
*Rata ta' inflazzjoni fil-kalkolu tad-danni*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 27 ta' Frar, 2020**

**Numru 22**

**Ċitazzjoni Numru 1116/05TA**

**Joseph u Maria konjugi Mifsud f'isimhom proprju u in rappresentanza ta' binhom minuri Redeemer Mifsud (KI 318856M u KI 288459M)**

**vs**

**Mariano u Maria Dolores sive Doris konjugi Grixti**

**Il-Qorti:**

Rat iċ-ċitazzjoni tal-Atturi tat-22 ta' Novembru 2005 li permezz tagħha premettew u talbu s-segwenti:

> "Premess illi fis-26 ta' Ottubru 2005 għall-ħabta ta' l-4.30 ta' wara nofs inhar, fiż-Żurrieq, il-konvenut Mariano Grixti, dolożament, bil-ħsieb li joqtol jew li jpoġġi l-ħajja ta' l-attur Joseph Mifsud u Redeemer Mifsud f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni, u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' delitt billi spara tiri ta' arma tan-nar, fuq il-persuna ta' l-atturi Joseph Mifsud u Redeemer Mifsud.
>
> Premess illi b'riżultat dirett ta' l-imsemmija aggressjoni da parti tal-konvenut Mariano Grixti, tas-26 ta' Ottubru 2005 għall-ħabta ta' l-4.30 ta'

wara nofs inhar, fiż-Żurieq, l-atturi Joseph Mifsud u Redeemer Mifsud sofrew diżabilita permanenti u danni konsegwenzjali;

Premess illi l-imsemmi inċident seħħ unikament tort u bl-aġir doluż tal-konvenut, bil-ħsieb li joqtol jew li jpoġġi l-ħajja ta' l-atturi Joseph Mifsud u Redeemer Mifsud f'periku ċar;

Premess illi l-attriċi Maria Mifsud hija ko-parteċipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma' l-attur Joseph Mifsud, u għalhekk hija sofriet danni, u għandha interess f'dawn il-proċeduri;

Għaldaqstant, jgħidu l-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta neċessarja:

1. Tiddikjara li l-konvenut Mariano Grixti unikament responsabbli għall-inċident hawn premess, u għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi Joseph Mifsud u Redeemer Mifsud.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi, okkorendo permezz ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' Inibizzjoni enumerat 1765/05, tal-Mandat ta' Sekwestru enumerat, bl-imghax legali mis-26 ta' Ottubru 2005, kontra l-konvenuti, li jinsabu minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-Konvenuti tal-20 ta' April 2006 li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:

"1. Illi Mariano Grixti mhux ħati tal-addebiti magħmula kontra tiegħu, u ċertament mhux responsabbli fil-grad pretiż mill-atturi.

2. Illi Maria Dolores Grixti ma għamlet l-ebda att li ġab xi dannu.

Salvi eċċezzjonijiet oħra."

Rat l-avviż tat-22 ta' Frar, 2019 li bih il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti meta kienet diġa' għas-Sentenza;

Rat id-dokumenti u xhieda kollha mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-Kawża;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw il-Kawża fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2019;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Dak li wassal għal din il-kawża kien inċident li seħħ fis-26 ta' Ottubru 2005 għall-ħabta tal-4.30pm fil-waqt li l-Atturi Joseph Mifsud u ibnu Redeemer kienu fl-għalqa tagħhom mentri l-Konvenut kien f'tiegħu. Dawn l-għelieqi jinsabu fiż-Żurrieq u jmissu ma' xuxlin. Il-Konvenut kien qiegħed jagħmel xi xogħolijiet fuq ħajt tas-sejjiegħ li jifred iż-żewġ għelieqi. L-Attur Joseph Mifsud deherlu li parti minn dan il-ħajt kien qiegħed jinbena f'tiegħu u għalhekk avviċina lill-Konvenut Mariano Grixti biex jieħu sodisfazzjoni u sabiex jieqaf milli jkompli jibni l-ħajt b'dak il-mod.

L-argument bejn il-partijiet fuq din il-kwistjoni wasal sal-punt li l-biċċa kibret u l-Konvenut spara fuq Joseph Mifsud u ibnu permezz ta' senter li kellu ħdejh dak il-ħin. Spara mhux anqas minn ħames tiri bil-konsegwenza li kemm Joseph Mifsud u anke ibnu Redeemer sfaw feruti fi bnadi differenti ta' ġisimhom. Il-Konvenut fix-xhieda tiegħu jsostni li

għamel hekk għaliex it-tnejn l-oħra ħebbew għalih, anke billi tefgħulu xi ġebel, sal-punt li anke sofra xi ġrieħi.

Joseph Mifsud u ibnu Redeemer sofrew ġrieħi ta' natura permanenti u dan kif ikkonferma Dr. Mario Scerri, l-espert mediku appuntat mill-Qorti f'żewġ rapporti differenti (ara a' fol 235 sa 271).

**Punti ta' liġi**

L-artikoli tal-liġi rilevanti għall-każ huma 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili. Kull persuna trid twieġeb għall-ħsara li ġġib lil ħadd ieħor b'għemilha. Fir-rigward ta' dawn iż-żewg artikoli ingħad li, meta l-att inissel danni extra-kontrattwali, b'konsegwenza ta' għemil delittwali u kolpuż, skont it-tagħlim ta' dawn il-Qrati *"Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' l-illeċitu, huma rikonoxxuti u aċċettati wkoll aspetti ta' responsabilita` speċjali in rigward għall-evitabilita` tal-ħsara."* (ara **Sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Philip Sciberras tat-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Michael D'Amato pro et -vs- Filomena armla ta' Joseph Spiteri**).

B'din il-Kawża l-atturi qegħdin jipproponu l-azzjoni aquiliana u ċioe' l-azzjoni għar-rimedju ġenerali għar-risarċiment ta' danni kawżati b'għemil kolpuż. Għalhekk irid jiġi pprovat, u dan sta għall-Atturi li jagħmlu din il-prova, li jesisti dak li jissejjaħ in-ness jew rabta tad-danni intrinsikament mal-għemil kolpuż tal-Konvenut (ara **Vol.XLI.I.800**). Dan qiegħed jingħad

fid-dawl tal-fatt li *" Kif inhu sew magħruf id-dolo, flimkien mal-kolpa, hu indikat fl-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili bħala element soġġettiv ta' l-illeċitu u għalhekk iservi hu wkoll bħala kriterju ta' imputabilita` tar-responsabilita' ċivili."* (**Sentenza Qorti tal-Appell Inferjuri tas-7 ta' Frar 2007 fl-ismijiet Joseph Cassar et -vs- Lawrence Castagna et**).

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tibda biex tfakkar li l-kwalita' ta' prova meħiega fil-kamp ċivili hija għal kollox differenti minn dik rikjesta f'dak penali. Dan ma jfissirx li fil-konklużjonijiet din il-Qorti għandha tagħmel konsiderazzjonijiet u evalwazzjoni tal-provi b'mod leġġer. Ifisser biss, li f'ġudizzju ċivili l-Qorti trid tiddeċiedi fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet (ara **Zammit -vs- Petroccochino, Appell Kummerċjali, 25 ta' Frar 1952**). Il-grad ta' provi meħtieġ f'Kawżi ċivili huwa anqas restrittiv minn dak penali. Ifisser ukoll li l-Qorti trid tara, meta riskontrata b'versjonijiet differenti, bħal ma huwa l-każ odjern, liema waħda hija l-aktar plawsibbli u attendibbli fuq bilanċ ta' probabiltajiet u "*b'hekk jiġi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatorja tad-dubbju u ssib refuġju mir-regola 'in dubio pro reo'*" (ara **Enrico Camilleri vs Martin Borg, Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003**). Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li ser tgħaddi biex tqis il-provi li għandha quddiemha.

***Responsabbilita' tal-Konvenut***

Mill-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti jirrisulta b'mod l-aktar ċar li kien il-Konvenut li spara għal fuq Joseph Mifsud f'dahru. Dan għamlu meta l-imsemmi Joseph Mifsud kien beda jillarga u kien diġa' ta dahru lill-konvenut (ara xhieda ta' Joseph Mifsud a' fol 25 ). Aktar minn hekk Joseph Mifsud jirrakonta li meta kien għadu mal-art, il-Konvenut tah tir ieħor u jekk ma tridx it-tielet tir u saħansitra staqsieh "għadek ħaj?" (a' fol 25). Għalkemm it-tifel Redeemer Mifsud, Attur f'din il-Kawża, ma jsemmix li kien hemm tlett tiri jirrakonta kif missieru kien milqut u kien bid-demm f'idu (a' fol 28). Il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-feriti riskontrati fir-rapport tal-perit mediku maħtur minn din il-Qorti biex jeżamina lill-Attur Joseph Mifsud huma kompatibbli ma' aktar minn tir wieħed (ara minn a' fol 235 sa 255).

Kwantu l-Attur Redeemer Mifsud, jirrisulta li dan ukoll ġie milqut minn Joseph Mifsud. Kemm il-missier u kif ukoll it-tifel kienu mimlijin ċomb. Senter wieħed kien hemm, dak tal-Konvenut li qal li kien fil-pussess tiegħu għax kienet il-passa tal-gammiem. Jirrisulta li li kien għalih, il-konvenut kien jibqa' jispara u ma sparax aktar, għax hu stess jistqarr li s-senter "daqshekk kien fih" b'referenza għat-tiri li kien hemm ikkargati (ara xhieda tiegħu a' fol 224).

Di piu' meta din il-Qorti pparagunat ix-xhieda tal-Atturi ma' dik tal-Konvenut, abbażi tal-prinċipji ċitati aktar 'l fuq, dik tal-Atturi hija aktar verosimili ta' kif seħħ dan l-episodju u aktar attendibbli minn dik tal-

konvenut. Dan qiegħed jingħad anke fid-dawl tal-kontradizzjonijiet tal-Konvenut fix-xhieda tiegħu (a' fol 187) u dik f'dik fejn qal li qabad senter u beda jispara (a' fol 208). Fl-ewwel xhieda tiegħu ħalla "id-dettal" li spara barra.

Il-konvenut jipprova jammortizza r-responsabbilita' tiegħu billi jgħid li aġixxa b'leġittima difesa. Kemm fl-affidavit tiegħu (a' fol 218) u fix-xhieda tiegħu quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tal-11 ta' Ottubru 2010, il-Konvenut jgħid li l-Atturi qalbuh mal-art u bdew iwaddbulu l-ġebel. Jekk ma tridx anke jgħid li "intlift, ġejt blackout" (a' fol 221). B'dana kollu ma ressaq l-anqas l-iċken prova li sofra xi feriti, imqar ċertifikat ta' tabib jew minn xi polyclinic.

B'dana kollu il-Konvenut iressaq id-difiża tal-leġittima difesa għaliex skont hu ġie aggredit u attakkat mill-Atturi. Minn barra li din il-Qorti ma temminx il-verżjoni tal-Attur, dato ma non concesso li tassew ġie aggredit kif qal, biex tirnexxi d-difiża tal-leġittima difesa jridu javveraw irwieħhom l-elementi neċessarji kif jispjegaw dawn il-Qrati. Sabiex tirnexxi din id-difiża irid jirriżulta li l-aggressjoni subita trid tkun inġusta, gravi u inevitabbli u dan l-aħħar element ma jkunx jeżisti meta minflok wieħed jara li jevita l-konfront b'mod raġonevoli, huwa stess jaggrava s-sitwazzjoni jew ifittex konfront fiżiku (ara **"Il-Pulizija vs Augustu Augeliaro"** (**A.K.(VGD) – 26 ta' Awissu 1998**); l-anqas tista' tirnexxi din id-difiża meta wieħed seta' evita l-istess ħsara b'kull mod ieħor, b'dan li l-

perikolu irid ikun wieħed attwali, instantanju u assolut, b'mod li l-istess persuna ma setgħetx tagħmel mod ieħor sabiex tiddefendi ruħha. (**"Il-Pulizija vs Toni Micallef" (A.K. 16 ta' Ottubru 1937 -Vol. XXIX. iv. 764)**. Minn dan isegwi wkoll li korrellata ma' l-istess difiża hija li r-reazzjoni trid tkun proporzjonata mal-att allegatament aggressiv **"Franceso Gauci vs Salvatore Gauci" (A.C. 30 ta' Novembru 1956 – Vol. XLB.ii. 370**).

Minn eżami tal-provi din il-Qorti tikkonkludi, li fid-dawl tal-prinċipji ennunċjati fis-Sentenzi ċitati din id-difiża ma tistax tirnexxi apparti li din il-Qorti ma temminix il-versjoni tal-fatti kif rakkontati mill-Konvenut. Għalhekk, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ din il-Qorti hija konvinta li l-Konvenut għandu jwieġeb għall-ħsara u danni li sofrew il-Konvenuti.

***Likwidazzjoni ta' danni***

Artikolu 1045 (1) jistabilixxi x'tip ta' danni għandu jwieġeb għalihom il-persuna li tkun responsabbli għall-inċident li jkun ikkawża bi ħsara għal ħadd ieħor.

*Damnum emergens*

Sa fejn jirrigwarda telf attwali u ċioe' *damnum emergens* ma tantx hemm fhiex wieħed jitfixkel. Skont statement presentat mill-Atturi, dawn ix-xorta ta' danni jammontaw għal Lm260 jiġifieri €605.64 (ara a' fol 138).

*Lucrum cessans*

Illum l-artiklu suċitat jiddisponi hekk:

**1045.** (*1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li lgħemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, lidak l-għemil seta' jġib:Kap. 9.*

*Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, sal-limitu massimu ta' għaxart elef euro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, id-dannu li jrid jiġi riparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati li-rikorrent.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

F'dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10 ta' Lulju 2002 tal-Prim Awla per Imħallef J R. Micallef** fejn fir-rigward ta' kif jiġu komputati u likwidati d-danni tagħmel użu mis-segwenti kriterji:

Li l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita' dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba.

Li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li

japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts* of the particular case and of other comparable cases" **Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128 ).**

Illi huwa stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti

tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident, illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.

Jibda biex jingħad li fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, ir-rapport mediku ex-parte tal-Attur Joseph Mifsud jindika diżabilita' permanenti ta' 11%, fil-waqt dak ta' Redeemer Mifsud ta' 10%. Ir-rapport tal-espert forensiku Dr. Mario Scerri maħtur mill-Qorti, jistabilixxi 13% diżabilita' permanenti għal Joseph Mifsud mentri għal Redeemer Mifsud 10% (ara a' fol 235 et seq). Il-Qorti għalhekk tħoss li jkun ekwu u ġust li fil-każ ta' Joseph Mifsud il-perċentwal ta' disabilita' permanenti fil-Każ ta' Joseph Mifsud għandha tkun ta' 12% fil-waqt ta' Redeemer Mifsud 10%. Dwar tal-aħħar iż-żewg esperti huma konkordi li dan għandu jkun il-perċentwal.

Kwantu jirrigwarda l-multiplier jirrisulta mid-dokumenti minnhom esebiti li dik ta' Joseph Mifsud għandha tkun ta' 12-il sena mentri dik ta' Redeemer Mifsud ta' 47 sena (ara fol 138). Irid jingħad li l-multiplier tas-snin f'dak id-dokument ma ġiex kontestat mill-Konvenuti. Pero', l-Konvenuti jissottomettu illi kkunsidrati 'c-chances and changes of life', ma

għandhomx jiġu ekwiparati mad-differenza fl-eta’ bejn meta jiġri inċident u eta’ pensjonabbli u għalhekk għandu jittieħed multiplier anqas. Fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall tal-25 ta’ Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

*“Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża* ***Butler vs Heard*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta’ Diċembru, 1967. F’dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni. Iżda l-figura użata għall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża* ***Lambert vs Buttigieg*** *deċiża fit-18 ta’ April, 1963 kienet qalet: "f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat."*

Fid-dawl ta' dan it-tagħlim, din il-Qorti qieset sewwa iċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-Qorti qieset li wieħed mill-Atturi kien fuq paga minima mentri it-tifel kien għad kellu 15-il sena u ma kienx jaħdem. Irid ukoll jittieħed kont taż-żidiet u l-inflazzjoni tal-ħajja li jakkumulaw mas-snin. Għalhekk, il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-multiplier fuq imsemmi huwa ġust u li għandu jiġi kkalkulat sakemm l-Atturi jaslu għall-eta' pensjonabbli.

Sa fejn jirrigwarda l-qliegħ tal-Atturi, wara li analizzat id-dokumenti esebiti tikkonkludi li kemm fir-rigward tal-Attur Joseph Mifsud u kif ukoll tal-imsemmi minuri, li dak in-nhar tal-inċident kellu 15-il sena, il-Qorti ser tikkalkula l-imsemmi qliegħ fuq il-paga minima. Dak iż-żmien il-paga minima kienet dik ta' ħamsa u ħamsin lira maltija u tlieta u sittin ċenteżmu (Lm 55.63 ) ekwivalenti għal €128 circa. Il-Qorti qed tadotta dan il-qliegħ anke fir-rigward tat-tifel, peress li kien għadu minuri bil-prospettiva li meta jsir maġġorenni jsib impieg. Ma ġew prodotti ebda provi li Redeemer Mifsud kellu kapaċitajiet li jindikaw li potenzjalment kien ser ikollu impieg b'aktar minn paga minima.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump "sum payment".

Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-*lump sum payment* huwa dak ta' 20%. Imma din il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni l-fatt li l-inċident seħħ fis-2005 u s-Sentenza ser tingħata ben 15-il sena wara. Il-fattur tad-dewmien għandu jirrifletti fit-tnaqqis ta' din il-*lump sum payment.*

Dawn il-Qrati għallmu ukoll li l-lump sum payment ta' 20% jitnaqqas meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-sentenza finali [ara **Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**]. Fil-kawża tal-Prim Awla **Caruana vs Camilleri PA 5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction" – (ara **Agius vs Fenech 29 ta' Ottubru, 2003.**" Fil-kawża tal-**Prim Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16-Diċ-2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi **Spiteri vs Zammit Tabona App Ċiv Sup 16-Mar-1999 u Caruana A vs Camilleri O App Ċiv Sup 27 ta' Frar 2004,** minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fil-**kawża Galea vs Piscopo PA 3-Ott-2003,** 5% **f'Scicluna vs Meilaq PA 16-Lul-2001** u 0% fil-kawżi **Turner vs Agius App Ċiv Sup 28-Nov-2003, Bonnici vs Gauci PA 15-Sett-1999** meta għaddew 15-il sena, **f'Zammit vs Zahra PA 20-Jan-2005** meta għaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana Kum 20-Apr-1990** meta għaddew 19-il sena.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti tħoss li l-lump sum payment ai fini ta' kalkolu ta' danni għandu jkun ta' 10% għal kull wieħed mill-Atturi.

Din il-Qorti ma setgħetx ma tieħux inkonsiderazzjoni t-tul ta' żmien li ħadet il-kawża. Dan ifisser li jkun xieraq ukoll li jittieħed kont tar-rati ta'

inflazzjoni fuq il-ħajja. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-aspett ta' kif għandhom jiġu likwidati d-danni ma jiddependix fuq jekk il-kawża damitx minħabba l-aġir tal-Konvenut fil-kawża. L-inflazzjoni ma ġġibx biss żieda fil-prezzijiet, iżda anke fil-pagi. Għalhekk, indipendentement minn x'kienet il-kawża għad-dewmien, inġust li kieku din il-Qorti ma tipprovdix sabiex id-danni mogħtija jkunu jirriflettu dan it-tibdil radikali fiċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-partijiet. Li kieku l-Qorti ma tagħmilx hekk, ikun ifisser, li fil-waqt l-Konvenut ikun gawda minn salarju li jkun żdied fil-mori tal-kawża b'konsegwenza taż-żieda tal-prezzijiet, meta l-Attur ma hu ser jibbenefika xejn minn dan kollu.

Biżżejjed jingħad li minn dak in-nhar tal-inċident sallum il-paga minima ma żdiditx b'mod negliġibbli. Il-Qorti trid tfakkar, li sakemm ikun umanament possibbli, il-vittma għandha tqiegħed fl-istat finanzjarju li kienet tkun fih illum li kieku ma seħħx l-inċident inkwistjoni. Għalhekk il-Qorti wara li ħadet kont tar-rati ta' inflazzjoni bejn 2005 u 2019, kif ippubblikati mill-Uffiċċju tal-Istatistika Nazzjonali. L-anqas ma hemm xejn li jżomm lill-Qorti milli f'dan ir-rigward tapplika l-prinċipju tal-ġustizzja ekwittattiva, għalkemm din trid tinżamm dejjem fil-qafas ta' dak li jiddisponu l-artikoli 1135 u 1045 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta (**Margaret Camilleri et -vs- The Cargo Handling Co Ltd deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2004**).

Sa fejn jirrigwarda dan il-prinċipju l-Qrati dejjem irritenew, li ma jistax ikun ddubitat, li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-

qliegħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittattiva. F'deċizjoni li tinsab f'**Vol. XXXV P. III p.615** tal-Kollezzjonijiet tad-Deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati, ġie segwit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Cassazzioni li "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e' rimesso al Magistrato il-valutare 'ex aequo et bono' second i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*". Ovvjament, il-likwidazzjoni ta' danni abbażi ta' dan il-prinċipju, mhux faċli li jkun ekwivalenti għal-likwidazzjoni ta' danni ben stradati fuq provi proċesswali li jwasslu għall-komputazzjoni matematika, li solitalment jirrikorru għaliha dawn il-Qrati ai fini ta' kalkolu preċiż fuq formuli żviluppati maż-żmien bis-saħħa ta' sentenzi fuq il-materja.

Għalhekk il-Qorti, wara li ħadet kont tar-rati ta' inflazzjoni bejn 2005 u 2019, kif ippubblikati mill-Uffiċċju tal-Istatistika Nazzjonali ser iżżid l-ammont li ser ikun likwidat bħala danni b'ammont ieħor, rappresentanti circa 7% rata ta' inflazzjoni tul kemm damet pendenti din il-Kawża.

Fid-dawl ta' dak kollu li ingħad aktar 'l fuq din il-Qorti qegħdha tgħaddi biex tillikwida d-danni bil-mod segwenti:

**Fil-każ ta' Joseph Mifsud** fl-ammont ta' **disgħat elef ħames mija tnejn u tletin Ewro (€9,532)**. Il-Qorti waslet għal din is-somma b'dan il-mod: €128 (paga minima) x 52 (ġimgat fis-sena) x 12 (ħajja lavorattiva) / 12% –

10% (lump sum payment) + 7% (rata ta' inflazzjoni) + €302 ( Damnum emergens).

**Fil-każ ta' Redeemer Mifsud** fl-ammont ta' **tletin elf, erbgħa mija u sebgha u għoxrin Ewro (€30,427)**. Il-Qorti waslet għal din is-somma b'dan il-mod: €128 (paga minima ) x 52 (ġimgħat fis-sena) x 47 (ħajja lavorattiva ) / 10% – 10% (lump sum payment) + 7% (rata ta' inflazzjoni ) + €302 ewro (Damnum emergens) .

Kwantu jirrigwarda lill-Konvenuta Maria Dolores Grixti, għalkemm ma ingħatat ebda eċċezzjoni formali fir-rigward tagħha, il-Qorti xorta tħoss li għandha tikkonsidra l-posizzjoni tagħha fis-sens għandhiex twieġeb għat-talbiet attriċi.

Mill-provi ma jirrisulta b'ebda mod li hija kienet komparteċipi jew kompliċi fl-att delittwali li wettaq żewgha. L-awtur taljan Gorgio Giorgi jgħid hekk f'dan ir-rigward: "*La complicita' civile e` piu estesa dalle penale ed abbraccia qualunque cooperazione al danneggiamento stato o no concerto precedenti, sia o no possibile di determinare la parte di ciascun complice, bastando il prendere parte anche secondaria agli atti che preparono ed assicurarono l'offesa".* **(Delle Obbligazioni Vol. V. n.192. pg 282).**

Biex il-Qorti tkun tista' tikkundanna lill-Konvenuta għad-danni kien hemm ħtiega li anke fil-konfront tagħha jesisti n-ness kawżali li jorbotha mal-

inċident li inqala' fl-għalqa (ara "**Korporazzjoni Enemalta vs Joseph Vassallo et"**). Biex il-Konvenuta tiġi tenuta responsabbli ċivilment għall-ħsara li sofrew l-Atturi irid ikun hemm xi xorta ta' prova diretta jew indiretta li jorbtuha mal-att delittwali li wassal għal din il-ħsara (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet MIB Insurance Brokers (Malta) Ltd -vs- Maria Camilleri pro et tas-26 ta' Ġunju 2015**). Ir-rikors ġuramentat jiċċitaha fil-kawża għas-sempliċi raġuni li hija ko-partecipi fil-kommunjoni tal-akkwisti mal-Konvenut Mariano Grixti. Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti l-artikolu 1327(f) tal-Kodiċi Ċivili jitkellem ċar: li *fost 'id-djun li jmorru fuq il-kommunjoni tal-akkwisti hemm kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ* ***meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda**."* (Emfażi tal-Qorti).

Għalhekk fid-dawl tar-raġunament imsemmi, it-talbiet attriċi fil-konfront tal-Konvenuta ser ikunu qegħdin jiġu miċħuda. Ser jiġu miċħuda mhux biss għaliex qatt ma kellha tkun parti fil-kawża għax ma għandha ebda ħtija, iżda għaliex anke l-istess Atturi, fl-ewwel talba tagħhom qegħdin jitolbu li Mariano Grixti biss jigi dikjarat responsabbli għall-inċident għalkemm fit-tielet talba qegħdin jitolbu l-kundanna tagħha għall-ħlas flimkien mal-Konvenut l-ieħor.

Għaldaqstant il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħha tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:-

**Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara** lill-Konvenut Mariano Grixti unikament responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri u għalhekk responsabbli ukoll għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-Atturi Joseph Mifsud u Redeemer Mifsud.

**Tilqa' it-tieni talba u tillikwida** d-danni fil-konfront tal-Attur Joseph Mifsud fl-ammont ta' disgħat elef ħames mija tnejn u tletin Ewro (€9,532) u fil-konfront ta' Redeemer Mifsud fl-ammont ta' tletin elf erbgħa mija sebgħa u għoxrin elf Ewro (€30,427) bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

**Tikkundanna lill-konvenut Mariano Grixti biss** jħallas lil kull wieħed mill-Atturi l-ammonti hekk likwidat.

**Tiċħad it-talbiet attriċi** kollha, inkwantu dawn huma diretti lejn il-konvenuta Maria Dolores sive Doris Grixti.

L-ispejjes tal-kawża jitħallsu mill-Konvenut Mariano Grixti salv għal dawk tal-Konvenuta Maria Dolores sive Doris Grixti li għandhom ikunu unikament sopportati mill-Atturi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**